**Ceremony 4**
**Academic Oration**
**Wednesday 23 November 2011 at 1630hrs**
**JESUITS' CHURCH – VALLETTA**

**Prof. Roderick Pace**
**Director, European Documentation and Research Centre**

Din hi okkażjoni memorabbli għalikom li temmejtu b'suċċess fażi oħra ta' studju. Hu wkoll jum ta' sodisfazzjon għall-ġenituri tagħkom, għal qrabatkom u għal kull min qasam magħkom l-ansjetà u l-inkwiet li l-istudju xi kultant iġib miegħu. Ħaqqkom prosit li wasaltu s'hawn. Nawguralkom li l-grad li se tirċievu llum jagħtikom spinta fid-direzzjoni li tixtiequ fil-karriera u fil-ħajja tagħkom. Għalina l-istaff akkademiku, iċ-ċerimonji tal-gradwazzjoni jagħtuna sodisfazzjon u huma sinifikanti wkoll: huma l-kulminu tal-ħidma tagħna meta naqsmu magħkom ukoll is-sodisfazzjon li ġġib magħha okkażjoni bħal din. Għalhekk f'ismi u f'isem sħabi nawguralkom.

Normalment diskors tal-gradwazzjoni jiffoka l-aktar fuq suġġett fil-qasam jew speċjalità ta' dak li jagħmlu. Għalhekk illum ħsibt li napprofitta ruħi mill-ispeċjalità tiegħi fl-Istudji Ewropej biex naqsam magħkom xi ftit riflessjonijiet dwar il-qagħda preżenti tal-Unjoni Ewropea. M'hemmx għalfejn ngħid li bħalissa l-Ewropa qed tħabbat wiċċha ma' diversi sfidi u li qed tissogra l-eżistenza proprja tagħha. Fil-passat irnexxielha tegħleb ħafna sfidi, iżda fil-fehma tiegħi l-ebda waħda minnhom ma kienet serja daqs tal-lum. Naċċetta wkoll li forsi ħafna għadhom forsi ma fehmux kemm tassew hi gravi u kif il-falliment tal-Ewropa jista' jolqot ħażin lill-kumplament tal-ekonomija dinjija u twassal għall-agħar riċessjonijiet mill-"Great Depression" 'l hawn. F'dan il-mument l-Ewropa trid tagħmel deċiżjonijiet kruċjali biex tevita l-agħar u wieħed jittama li jirnexxielha ssib id-direzzjoni politika li teħtieg biex tagħmel dan.

L-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-Ewropa bħalissa għandhom diversi wċuħ. Hemm il-lat ekonomiku li hu magħruf sew u li għandu wkoll impatt soċjali qawwi. Iżda hemm ukoll l-aspett politiku li hu l-aktar inkwetanti. Saru ħafna proposti dwar kif l-Ewropa tistà teħles mill-problemi li qed jaħkmuha, bħal dik li tħeġġeġ integrazzjoni aktar mill-qrib fuq linji federalisti. Iżda nħoss li hemm domanda aktar fondamentali minn hekk – l-Ewropa tal-lum għandha t-tmexxija politika li għandha bżonn biex tgħinha toħroġ mill-inkubu li tinsab fih? Jew, il-mexxejja tal-pajjiżi Ewropej tal-Unjoni Ewropea għandhom l-istess viżjoni u kreattività li kellhom mexxejja storiċi bħal Jean Monnet, Robert Schuman, Konrad Adenauer, Alcide de Gasperi, Altiero Spinelli u Jacques Delors?

L-aktar ħaġa li tħassibni hi li meta tħares lura lejn x'għadda mill-Ewropa f'dawn l-aħħar snin tinduna li ħafna minn dak li għaddejjin minnu bħalissa seta' kien evitat li kieku l-mexxejja politiċi żammew ma' dak li pproponew u qablu dwaru huma stess.

Ħa nispjega ruħi aħjar. Kważi għoxrin sena ilu, fi Frar tal-1992, il-mexxejja Ewropej iffirmaw it-Trattat ta' Maastricht li, fost affarijiet oħra, stabilixxa l-Politika Komuni Barranija u tas-Sigurtà, iżda aqwa minn hekk waqqaf l-Unjoni Monetarja b'munita komuni, l-ewro. F'dan it-trattat il-mexxejja Ewropej qablu li biex din il-munita ġdida tkun stabbli, l-ekonomiji tal-pajjiżi Ewropej kellhom bżonn jikkonverġu. Għalhekk ftehmu li biex dan isir u anki biex l-ekonomiji tal-pajjiżi Ewropej ikunu jifilħu għall-isfidi ekonomiċi li jiltaqgħu magħhom minn żmien għal żmien, kien hemm bżonn li kull pajjiż li jintroduċi l-ewro jaċċerta li jnaqqas id-dejn pubbliku għal madwar 60 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku, li d-deficit fin-nefqa pubblika ma jaqbiżx it-tlieta fil-mija, li l-inflazzjoni tkun imrażżna u li r-rati tal-imgħax ikunu baxxi kemm jista' jkun biex iħajru l-investiment. Fi spirtu ta' solidarjetà l-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea kellhom jaħdmu biex jilħqu dawn il-miri. Dawk il-pajjiżi li kienu 'l bogħod minnhom kellhom jagħmlu l-almu tagħhom biex b'mod konsistenti jersqu lejhom. Kulmin laħaq dawn l-kundiżżjoniet setà jaddotta l-ewro kif ghamel pajjiżna fl-2008.

Mill-2002 u għal ftit snin wara, Franza u l-Ġermanja sfidaw dan il-Patt ta' Stabilità billi ħallew id-deficit fin-nefqa pubblika tagħhom jaqbeż it-tlieta fil-mija. Eventwalment kien hemm sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kontra tagħhom, iżda l-ħsara kienet saret. Il-kunċett *pacta sunt servanda* jew li ftehim għandu jiġi rispettat kien tar mar-riħ. Sadattant pajjiżi b'dejn nazzjonali enormi, inklużi xi wħud fiż-żona ewro, tilfu kull inċentiv li jkomplu jsaħħu l-qagħda finanzjarja tagħhom. Dawn il- pajjiżi rraġunaw, u ma tagħtihomx tort, li la darba l-Ġermanja u Franza għamlu li riedu, huma setgħu jagħmlu li jridu wkoll.

Minn dan ġa jibda wieħed jinduna li d-difett li wassal għall-problemi li għandna llum, ma kienx fl-ewro jew fid-disinn tiegħu, iżda fil-klassi politika li minkejja li għarfet, qablet u aċċettat x'kien l-aħjar biex ikollna munita soda u stabbli, għażlet li tinjora r-regoli li fuq kollox kienet intrabtet bihom hi stess.

Meta fl-2008 ħabta u sabta faqqgħet ir-riċessjoni internazzjonali wara l-għeluq ta' Lehman Brothers, pajjiżi Ewropej bħall-Iżlanda, l-Irlanda u l-Ingilterra – li s-sistema bankarja tagħhom kienet esposta għal riskji kbar – sabu ruħhom fil-gwaj, iżda dawn il-problemi ma damux ma nfirxu wkoll għall-pajjiżi tal-ewro, speċjalment lejn dawk li kellhom dejn pubbliku għoli ħafna. L-ewwel li ħasset din il-pressjoni kienet il-Greċja li d-dejn tagħha hu kkalkolat li jlaħħaq il-152 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku tagħha, imbagħad mess lill-Portugall b'dejn ta' 106 fil-mija, wara Spanja u fl-aħħar l-Italja b'dejn pubbliku ta' 121 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku. Dan it-tibdil ġara mhux għax il-gvernijiet għarfu x'kellhom jagħmlu malajr biex jirranġaw is-sitwazzjoni, iżda għax is-

swieq internazzjonali finanzjarji għollew l-imgħax fuq is-self lejhom minħabba d-dejn kbir li kellhom u li kien bidilhom f'żoni riskjużi għas-self u l-investiment.

Illum, l-akbar sfida għall-ewro u l-Unjoni Ewropea ġejja mill- possibbiltà ta' falliment tal-Italja. Id-dejn pubbliku tagħha hu stmat li jaqbeż il-1.8 triljun ewro. Li kellu jiġri dan, mhux biss ifalli l-ewro u miegħu l-Unjoni Europea, iżda d-dinja li għadha ma rpiljatx mir-riċessjoni li bdiet tliet snin ilu, tidħol f'riċessjoni aktar qawwija b'konsegwenzi koroh għal kulħadd, inkluż aħna. Din il-possibilità xejn sabiħa wasslet għal tibdil politiku fl-Italja u l-ħolqien ta' gvern tekniku biex jimplimenta pakkett ta' miżuri ibsin bħalma kellhom jimponu pajjiżi oħra fiż-żona ewro.

Ta' min ifakkar ukoll, li l-problemi ekonomiċi heżżew mhux biss is-sistema politika Taljana iżda ta' pajjiżi oħrajn ukoll. F'April li għadda, il-Prim Ministru Spanjol, Jose Luis Rodriguez Zapatero, ħabbar li mhux se jikkontesta l-elezzjoni li jmiss fl-2012; f'Ġunju nbidel il-Gvern Portugiż wara elezzjoni u ftit tal-ġimgħat ilu f'Ateni nħatar gvern tekniku flok dak ta' Papandreou.

Dan it-tibdil forsi jikkalma s-swieq finanzjarji u kapitali internazzjonali, iżda l-perikli mhux se jitwarrbu għal kollox. Din mhix kwistjoni sempliċi ta' kif l-Ewropa se tibbilanċja l-kotba. Ibda biex, il-miżuri ta' awsterità se jkomplu jagħfsu l-aktar lill-fqir u lil dawk li għandhom impjieg prekarju. Il-faxxa soċjali ta' nies foqra se tikber. Ir-riformi ekonomiċi tant meħtieġa, bħall-privatizzazzjoni, se jżidu l-qgħad qabel ma jinħolqu aktar impjiegi biex jassorbuh. Wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li dawk ir-riformi li ma sarux f'għexieren ta' snin u tħallew jakkumulaw ma jistgħux isiru f'daqqa għalkemm il-pass tagħhom jista' jitħaffef.

Jinħtieġ iż-żmien, iżda żmien m'hemmx biżżejjed. Jinħtieg is-sagrifiċċju iżda fuq min se jaqa' l-piż ta' dan is-sagrifiċċju? Dawn u oħrajn huma dilemmi reali li l-politiċi Ewropej se jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom għal ħafna snin fil-futur.

F'dan il-kwadru nixtieq ngħid ukoll li jkun żball tagħna l-Maltin jekk ninjoraw dawn l-iżviluppi u naħsbu li din hi biss problema tat-Taljani u l-Griegi. Il-mewġ tat-taqlib li għaddejja minnu l-Ewropa u li se tkompli għaddejja minnu fil-ġejjieni, se jilħaq lil xtutna wkoll u jeħtieġ inkunu imħejjija tajjeb għalih.

F'dan il-mument, bħal fil-każ ta' kriżijiet imgħoddija, l-Ewropa għandha bżonn ħafna ta' ideat ċari u tmexxija politika għaqlija li tmur lil hinn mill-miżuri ta' ristrutturament u awsterità li qed jiġu imposti bħalissa f'xi wħud mill-pajjiżi ġirien tagħna. Diffiċli nimmaġina li f'dan il-mument ta' kriżi se tinstab dik id-dispożizzjoni li l-pajjiżi Ewropej jerġgħu jirrevedu t-trattati li fuqhom hi mibnija l-Unjoni Ewropea biex isaħħu l-governabilità ekonomika fil-pajjiżi membri tal-ewro, għalkemm fil-politika l-imprevedibbli spiss issir realtà.

Sinjuri, tkun preżunzjoni min-naħa tiegħi jekk nipprova noffri soluzzjonijiet meta l-aqwa mħuħ fl-Ewropa bħalissa għadhom qed iħabblu rashom biex jaraw kif se noħorgu minn

din il-kriżi. Iżda f'dan il-mument straordinarju li qed ngħixu, il-politiċi Ewropej iridu jaċċettaw li f'din l-era li ninsabu fiha, fejn id-dinja saret sistema waħda globali, is-sovranità tal-pajjiżi fit-tifsira antika tagħha għandha limitazzjonijiet kbar ħafna. Il-pajjiżi Ewropej mhux se jirnexxilhom jegħlbu din il-kriżi jekk ma jaħdmux flimkien. Ikun żball jekk kulħadd jiġbed għal rasu. M'hemmx dubju li jekk l-Ewropa tfalli, tistà terġa' tkun dominata minn potenzi barra l-Kontinent. F'dan il-mument jeħtieġ immorru lura għall-kunċett ċentrali fl-integrazzjoni Ewropea, dak li ngħaqdu s-sovranità tagħna biex ikollna dik is-saħħa meħtieġa biex iċ-ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jgħixu ħajja aħjar u f'aktar sigurtà. Is-sovranità wara kollox hi taċ-ċittadin mhux tal-istat.

Hu ironiku kif, madwar tliet snin ilu konna qed niddiskutu t-Trattat ta' Liżbona, kif dan se jkun ratifikat u l-importanza tiegħu għall-Unjoni Ewropea u kif permezz tiegħu kulħadd kien qed jistenna li l-Unjoni ssaħħaħ il-preżenza tagħha fil-politika dinjija. Illum ħarsitna reġgħet daret 'il ġewwa u l-isfida mhix aktar x'se jiġri mit-Trattat ta' Liżbona iżda x'se jiġri mill-ewro u l-Unjoni Ewropea nnifisha. Sadattant, fil-politika dinjija l-affarijiet ma raqdux u fir-reġjun tal-Mediterran seħħew u qed iseħħu żviluppi li jeħtieġu l-attenzjoni tal-Unjoni Ewropea. Din mhix se tkun f'qagħda li tagħmel dan qabel ma jirnexxielha tegħleb il-problemi u l-kriżijiet interni li għandha.

Qabel nagħlaq nixtieq ngħid kelma dwar din il-kriżi mill-angolu tal-qasam ta' studju li ġej minnu jien, l-Istudji Ewropej. Għal dawk li forsi mhumiex daqshekk familjari mal-ħidma tagħna u tal-istudenti f'dan il-qasam, f'dan id-diskors qasir dewwaqtkom xi ftit mit-tip ta' analiżi li nagħmlu. L-Istudji Ewropej daħal bħala fergħa ta' studju f'din l-Università fil-bidu tas-snin disgħin u minn dakinhar madwar 425 gradwaw f'livell ta' Baċċellerat jew Masters f'dan is-suġġett. Fl-analiżi li nagħmlu tal-iżviluppi fil-proċess tal-integrazzjoni tal-Ewropa nħaddmu l-għodod li jagħtuna tliet dixxiplini prinċipali, jiġifieri x-xjenza politika, l-ekonomija u l-liġi flimkien ma' dixxiplini oħra essenzjali bħall-istorja u l-istudji soċjali. Tagħna hu suġġett bħal ħafna oħrajn, jinbidel kontinwament u jitlob minna mħabba u impenn kontinwu.

Hu importanti li nibqgħu nistaqsu mistoqsijiet rilevanti u li nkomplu nippruvaw ninżlu aktar fil-fond tal-problemi li jiġu quddiemna billi nagħtu tweġibiet sodisfaċenti. Il-kriżi li għaddejja minnha l-Ewropa bħalissa ma ħolqotx kriżi fil-qasam tal-istudju tagħna, anzi fetħitilna orizzonti ġodda għar-riċerka fejn nistgħu napplikaw aktar it-taħriġ tagħna biex nipproponu soluzzjonijiet.